MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2011

Appell Civili Numru. 25/2005/3

**Carmelo Grima (ID 607082 M)**

**vs**

**James McClean (ID 184097 M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ ritrattazzjoni ta’ Carmelo Grima datat 18 ta’ Mejju 2010 a fol. 208 tal-process fejn espona:-

Illi permezz ta’ rikors ipprezentat mill-attur appellat, huwa ppremetta illi huwa jikri lill-intimat il-garaxx internament markat bin-numru wiehed [1] sottospost ghall-blokk t’appartamenti maghruf bhala Villa Vienna, Triq Anton Schembri, Kappara, San Gwann, versu l-hlas ta’ mitejn lira [Lm200] fis-sena pagabbli kull sitt xhur, bl-iskadenza li jmiss tkun dik tat-22 ta’ Marzu 2005 u li ghandu bzonn jirriprendi lura dan il-garaxx ghall-uzu personali tieghu u

ghaldaqstant talab lill-Bord tal-Kera sabiex tordna lill-intimat biex jizgombra mill-fond f'terminu qasir u perentorju hekk minnu ffissat.

Illi permezz tar-risposta tieghu l-intimat ecceppixxa illi bi ftehim datat 20 ta' Frar 1992 huwa beda jikri minghand Richard Micallef l-appartament numru 4, 'Villa Vienna' fi Triq Anton Schembri, il-Kappara bil-kera ta' Lm90 fix-xahar. Illi meta saret il-kirja fl-20 ta' Frar 1992, bejn l-intimat u Richard Micallef, l-intimat allega illi din saret ghall-appartament numru 4, fil-blokk 'Villa Vienna', Triq Anton Schembri, il-Kappara u ghall-*garage* numru 1 sottostanti ghal dan il-blokk ta' appartamenti, billi l-intimat ma riedx jikri l-appartament minghajr il-*garage*. Dan il-*garage* ghandu l-entratura minn Triq il-Bufula, Kappara. L-intimat ghaldaqstant sostna illi l-kirja hija wahda u indivizibbli u rrikorrenti ma jistax jitlob l-izgumbrament tal-intimati mill-*garage* li gie mikri flimkien mal-apppartament.

Illi permezz tas-sentenza moghtija fil-5 ta' Novembru 2008 l-Bord li Jirregola l-Kera rrispinga l-eccezzjoni tal-intimati li l-kirja hija wahda u indivizibbli ghaliex il-Bord ikkonsidra illi hawn si tratta ta' **zewg kirjiet separati,** wahda tal-appartament u ohra tal-garaxx.

Illi *inoltre* irrizulta li l-gudizzju kien integru *stante* li ma hux minnu li r-rikorrent kien biss sid ta' nofs indiviz ta' tali appartamenti u garaxxijiet u dan peress illi l-esponent Carmelo Grima li kien diga' s-sid ta' nofs dawn il-propjretajiet kien xtara n-nofs l-iehor permezz ta' kuntratt datat 1 ta' Ottubru 2004 fl-atti tan-nutar Dr. Paul Pullicino.

Illi permezz tas-sentenza moghtija fit-3 ta' Frar 2010, il-Bord li Jirregola l-Kera laqgha t-talbiet tar-rikorrent li huwa ghandu bzonn ta' dan il-garaxx ghal uzu personali tieghu u ghalhekk ordna r-ripresa tal-pussess da parti tar-rikorrent.

Illi permezz ta' appell intavolat mill-konvenut appellanti fid-19 ta' Frar 2010, gie mitlub lil din l-Onorabbli Qorti sabiex thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Bord li

Jirregola l-Kera fit-3 ta’ Frar 2010 u sabiex tichad it-talba ta’ l-appellat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent.

Illi primarjament, l-appell intavolat mill-konvenut ippremetta illi l-Bord kien zbaljat fl-apprezzament tieghu dwar il-bzonn vantat mis-sid lokatur ghat-tehid lura *tal-garage* mikri lilu. Huwa kkontenda illi s-sid ma ressaqx dak il-grad ta’ prova necessarju dwar il-bzonn tieghu u la gab prova li l-*garage* hekk lokat lilu huwa l-akbar wiehed u lanqas ma kkuntrasta d-dikjarazzjoni tieghu illi hemm disponibbli ghas-sid *garages* ohra battala.

Illi permezz ta’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta’ April 2010 il-Qorti laqghet l-appell intavolat mill-appellant biex b’hekk hassret u rrevokat l-ewwel sentenza moghtija u cahdet it-talbiet tar-rikorrent ritrattand abbazi tal-fehma illi l-oneru tal-prova tal-bzonn, li kien jaggrava fuq il-parti li tallega l-fatti migjuba biex issostni d-domanda taghha ma kienx gie sodisfatt.

Illi l-Qorti waslet ghal din il-fehma wara li l-appellant mal-affidavit tieghu kien esebixxa sett ta’ ritratti fejn f’uhud minnhom jidhru ringieli ta’ *bricks* fil-vicinanza prossima ghall-entratura *tal-garages* l-ohra u wkoll fuq in$_r$naha l-ohra tal-hajt fronteggjanti dawk il-*garages* u b’hekk ikkonkludiet li r-rikorrent kellu fil-pussess tieghu, garaxxijiet ohra li kienu vakanti u li seta’ juza ghall-bzonn vantat permezz tar-rikors tieghu minghajr ma jkollu ghalfejn jirriprendi l-garaxx tal-appellant.

Illi *in vista* ta’ dawn ir-ritratti, l-istess Qorti mbaghad esklamat illi s-sid naqas milli jirribatti l-allegazzjoni tal-appellanti jew permezz ta’ kontro-ezami jew billi jerga’ jixhed biex juri li c-cirkostanzi ta’ fatt dedotti minnu u cioe’ li l-garaxxijiet l-ohra proprjeta` tieghu ma setax juzhom ghall-bzonn vantat permezz tar-rkors tieghu kontra l-appellant kienu baqghu invarjati fil-kors tal-proceduri u ma tbiddlux.

Illi l-esponent hassu aggravat minn dawn il-konsiderazzjonijiet u hekk kif ser jispjega permezz ta’ dan

ir-rikors, ihoss li hemm bizzejjed ragunijiet abbazi ta’ liema ghandu jkun hemm ritrattazzjoni.

Illi jibda’ l-ewwel nett billi jinghad illi l-Onorabbli Qorti tal-appell ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha u marret *oltre* dak imsemmi mill-appellanti u dan ghaliex fil-waqt li b’referenza ghal dawn ir-ritratti, l-appellant fir-rikors ta’ appell tieghu kien semma **biss** illi fil-fehma tieghu kien il-haxix hazin li qed jikber quddiem dawn il-garaxxijiet li juri li xi garaxxijiet proprjeta` tar-ritrattand kienu vakanti, il-Qorti tal-Appell ikkonsidrat **minn jeddha** l-presenza ta’ ringieli ta’ *bricks* li fil-fehma taghha kienu jura li l-garaxxijiet ma kienux okkupati. Illi fl-umli fehma tar-ritrattand, il-Qorti tal-Appell marret *oltre* dak mitlub minnha billi kkunsidrat element li l-anqas l-appellant innifsu ma kien irrefera ghalih (u cioe’ ghal dawn il-*bricks).*

Illi l-esponent ritrattand kien ghazel li ma jixhidx ulterjorment dwar dawn ir-ritratti ghaliex *stante* li l-appellant kien irrefera ghall-haxix hazin **biss** u dan kien punt li kien diga’ gie kkunsidrat fl-ewwel istanza u gie skartat fis-sentenza appellata, ma kien hemm l-ebda raguni l-ghala huwa kellu jerga’ jixhed fuq il-frivolita` tal-allegazzjoni illi l-presenza ta’ haxix hazin implikat li kien hemm xi garaxxijiet vakanti.

Illi sahansitra fir-risposta ghar-rikors ta’ appell, ir-ritrattand kien fil-fatt rega’ sahaq illi ritratti mehudin minn barra l-garaxxijiet li juru haxix hazin ma setghu bl-ebda mod jekwivalu ghal dik il-prova skjaccanti li teghleb it-talbiet attrici specjalment meta l-attur kien elenka wiehed wiehed, il-persuni jew entitajiet ghand min dawn il-garaxxijiet kienu mikrija u li kien fid-dawl ta’ din il-fjakkezza da parti tal-provi mressqa mill-intimat, (jekk tista’ ssejhilhom provi!) li l-Bord ikkonkluda illi:

*“Frankament il-prova mressqa mill-intimat ma tinnewtralizzax dik imressqa mir-rikorrent li seta’ facilment kien kontro-ezaminat biex jiddikjara jekk il-garaxxjiet l-ohra humiex liberi jew le u mhux esebixxa ritratti li juru garages bil-bieb maghluq (u ben mantenuti) u jghid li jassumi li dawk huma vakanti.”*

Illi ghaldaqstant m'huwiex minnu dak li nghad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha illi s-sid naqas milli jirribatti l-allegazzjoni tal-appellanti dwar il-haxix hazin.

Illi kienet biss l-istess Qorti tal-Appell li semmiet il-presenza ta' xi *bricks* fis-sentenza moghtija minnha u cioe' wara li l-partijiet kienu rrimettew ruhhom ghar-rikors u risposta ta' appell. Ghaldaqstant l-esponent isaqsi kif setgha huwa jixhed dwar dawn il-*bricks* meta l-*bricks* qatt ma ssemmew mill-appellant fl-appell tieghu?

Illi li kieku l-appellant ritrattat kien ghamel xi referenza ghal dawn il-*bricks* fir-rikors ta' appell tieghu, l-esponent ritrattand ma kien isib l-ebda diffikulta` li jixhed fuq dan il-*bricks* biex jispjega lill-Qorti li fil-fatt dak il-*bricks* kien inhatt minn terzi li ghandhom propjeta' vicin il-garaxxijiet propjeta' tieghu biex iwaqqghu hajt li kien fi stat hazin u jtellghu iehor u li l-appellant kien ha r-ritratt f'dak il-jum biex jiehu l-okkazzjoni ta' dan il-fatt biex jaghti x'jifhem li l-garaxxijiet kienu vakanti.

Illi prova dwar kemm hu minnu li nbena hajt gdid *tal-bricks* ricentement ezatt biswit il-garaxxijiet propjeta' tal-esponent, ghal liema hajt kien fil-fatt ingieb il-*bricks* li kien inhatt quddiem il-garaxxijiet proprjeta` tal-esponent, huwa r-ritratt “CG 1” anness ma' dan ir-rikors bhala prova gdida li ma setghetx tingieb qabel *stante* li l-appellant ritrattat qatt ma semma' dan il-hajt u kienet is-sentenza appellata li ghamlet referenza ghall-*bricks* li ntuza biex eventwalment inbena dan il-hajt. Dan kollu jikkonferma li l-konkluzjoni tal-Qorti ta' l-Appell li l-garaxxijiet proprjeta' tal-esponent kienu vakanti kienet wahda bbazata fuq presunzjoni skorretta.

Illi ghaldaqstant, il-konsiderazzjoni dwar dan il-*bricks* u l-konkluzjoni maghmula mill-Qorti tal-Appell dwarhom hija l-ewwel bazi fuq xiex l-esponent qed jitlob ritrattazzjoni u dan abbazi tal-**artiklu 811 (g)** *stante* li dan jiddisponi li talba ghal ritrattazzjoni tista' *ssir jekk bis-sentenza jkun gie moghti izjed minn dak li ntalab* u dan peress li l-

appellant qatt ma talab li ssir konsiderazzjoni dwar il-*bricks* imsemmi.
*Inoltre*, dan il-fatt ukoll jaghti lok ghal ritrattazzjoni ghab-bazi tal-**aritkolu 811(l)** *stante* li dan jipprovdi li ghandu jkun hemm lok ghal ritrattazzjoni:

*(l) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza*

u dan ghaliex il-Qorti tal-Appell kienet zbaljata li tikkonkludi li l-garaxxijiet kienu vakanti ghaliex kien hemm xi *bricks* quddiemhom ghaliex dawn il-*bricks* kienu gew imnizzla quddiem il-garaxxijiet dak inhar li kien ittiehed ir-ritratt mill-appellant u gew imnehhija fl-istess jum meta rega' nbena hajt ta' terzi li ghalih kien ingab l-istess materjal.

Illi ulterjorment ghal dawn ir-ragunijiet u minghajr pregudizzju ghal dak li nghad sa issa, ir-ritrattand jaghmel ukoll referenza ghal dak li nghad ukoll milll-Qorti tal-Appell fis-sentenza moghtija minnha meta ntqal illi fil-fehma taghha l-esponent kellu juri illi:-

"*fid-dekorriment taz-zmien minn meta pprezenta l-affidavit tieghu fl-2005 il-qaghda baqghet immutata u dawk il-garages l-ohra, li taghhom iddikjara li hu l-proprjetarju, kienu ghadhom mikrija jew okkupati minn terzi".*

Illi b'referenza ghal din il-fehma, l-esponent jikkonsidra illi tezisti wkoll lok ghal ritrattazzjoni taht l-**artikolu 811 (e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** li jistipola illi talba ghal ritrattazzjoni tista' ssir:-

*(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin;*

u dan ghaliex kien hemm interpretazzjoni hazina tal-**artikolu 9 tal-Kap 69** (li fuqu l-esponent kien intavola r-rikors tieghu ghar-ripriza tal-garaxx tieghu) peress illi dan l-artikolu mkien ma jsemmi li l-esponent irid jipprova matul il-kawza kollha u sakemm din tinqata', li huwa m'ghandux alternattiva ohra hlief dik li jirriprendi l-garaxx mitlub.

Illi dan l-artiklu jistabilixxi biss illi sid ta' garaxx ghandu dritt li jitlob li jiehu lura l-fond tieghu (inkluz garaxx li ma jkunx hanut) jekk ikollu bzonnu ghalih innifsu jew ghal axxendent jew dixxendent tieghu mid-demm u fl-ebda bin ma jistipola illi r-rikorrent ikun irid juri li huwa m'ghandux alternattiva matul il-mori kollha tal-kawza sal-ahhar gurnata tal-istess proceduri.

Illi qari sew ta' dan l-artikolu jaghti x'jifhem li dak li l-attur f' azzjoni ta' din it-tip ikun rikjest li jaghmel hu li juri li **fiz-zmien meta jiftah il-kawza** ghar-ripriza tal-fond jew garaxx, huwa ghandu bzonn veru li jirriprendi dan il-fond.

Illi f'dan is-sens l-esponent wera permezz tal-affidavit tieghu illi meta huwa ntavola r-rikors tieghu, huwa kellu bzonn reali li jirriprendi dan il-*garage* peress illi l-garaxxijiet l-ohra la kienu disponibbli u l-anqas vijabbli peress illi kienu mikrijin lil terzi u cioe':-

Garaxxijiet numri 3 u 4 mikrija lil Chantilly Apart Hotel
Garaxx numru 2 mikri lil Joseph Fenech
Garaxx numru 5 mikri lil Alfred Calamatta
Garaxx numru 6 mikri lil David Xuereb.

Illi ghall-konferma ulterjuri ta' kemm il-garaxxijiet numru 3 u 4 kienu mikrija lil Chantilly Apart Hotel anki matul il-mori tal-kawza, l-esponent qed jipprezenta wkoll skrittura ta' kirja datata 30 ta' Ottubru 2004 li tikkonferma kemm il-garaxxijiet kienu qed jigu fil-fatt mikrija (Dok "CG 2").

Illi kif inghad ukoll, l-appellanti ma gabu l-ebda prova konvincenti li qabel ma gie ntavolat ir-rikors tal-attur, dan kellu fil-pussess tieghu, garaxxijiet alternattivi ohra u li l-anqas ma seta' jigi konkluz li qabel ma kien gie ntavolat l-appell mir-ritrattat, il-garaxxijiet jew uhud minnhom kienu vakanti minhabba xi haxix jew *bricks* (anki ghar-ragunijiet spjegati aktar kmieni f'dan ir-rikors).

Illi dan qed jinghad ghaliex l-interpretazzjoni dwar ir-rekwiziti ghal ripriza ta' fond mikri li giet moghtija mis-sentenza appellata bhal donnu tat x'jifhem li rikorrent jista' jkun ghamel kawza ghar-ripriza ta' garaxx ghaliex fil-

mument meta jibda tali proceduri ma jkollu ebda proprjeta` ohra disponbibbli ghalih, izda jekk ghal grazzja tal-argument fl-ahhar gurnata tal-proceduri gudizzjarji jew sahansitra wara li tkun inghatat l-ewwel sentenza, l-attur jinzerta li jigi fil-pussess ta’ proprjeta’ alternattiva ohra, it-talba tieghu ma tkunx tista’ tintlaqa’.

Illi pero` l-**artikoli tal-Kap 69** isemmu biss li wiehed ikun jista’ jitlob ir-ripriza ta’ fond jew garaxx jekk ikun hemm bzonn li jittiehed lura dak il-fond biex b’hekk ghandu jirrizulta li s-sentenza appellata ghamlet interpetazzjoni hazina tal-ligi u tar-rekwiziti li huma necessarji biex tintrebah azzjoni ghar-ripriza ta’ post mikri.

Illi ulterjorment ma’ dan, l-esponent kien ukoll spjega fl-affidavit tieghu kif ukoll permezz tar-risposta tal-appell tieghu illi l-garaxxijiet l-ohra xorta ma setax uzhom ghall-iskop mixtieq minnu *stante* li dawn kienu izghar u prova ta’ dan il-fatt kien illi fost l-ohrajn mill-affidavit ta’ Richard Micallef kien irrizulta li mentri l-kirja tal-ewwel garaxx kienet ta’ Lm100 fis-sena, meta l-intimat beda jikri l-garaxx numru 1 mertu ta’ din il-kawza, dan beda jikrih ghall-kirja ta’ Lm200 fis-sena.

Illi ghaldaqstant certament jirrizulta illi l-fatt li l-kirja kienet akbar ghal dan it-tieni garaxx mikri mill-intimat ifisser kemm dan huwa verament akbar mill-ohrajn u kien ghalhekk li l-esponent appellant talab ir-ripriza tieghu u mhux tal-ohrajn *stante* l-kobor tieghu.

Illi jirrizulta wkoll li ghall-kuntrarju tal-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Appell l-esponent ma kellux ghalfejn jixhed ulterjorment fuq dan il-fatt ghaliex huwa kien spjega dan kollu fl-affidavit tieghu u kien ghalhekk jinkombi fuq l-intimat li jipprezenti provi sodi li jirribattu dak li inghad.

Illi dan kollu wkoll ifisser illi l-anqas ma kienet gusta l-fehma tal-Qorti tal-Appell illi l-*onus probandi* kien mixhut fuq l-attur ritrattand ghaliex huwa kien ressaq il-provi li kellu jressaq sa dak il-mument tal-proceduri u kienu *se mai* l-appellanti li ma ressqux dik il-prova li twassal ghal dak il-grad rikjest mil-ligi biex il-fond mikri ma jinghatax

lura lill-attur. Illi *se mai* kellu jkun l-appellant li jressaq lin-nies li semma' l-attur fl-affidavit tieghu biex jixhdu jekk kienux qed jikru minghand l-attur u dwar il-kobor tal-istess garaxxijiet ghaliex l-*onus probandi* kien inxtehet fuq l-appellanti intimati wara li l-attur elenka n-nies ghand min kienu mikrijin il-garaxxijiet l-ohra proprjeta` tieghu.

Ghaldaqstant l-**artikolu 811 (e)** huwa applikabbli wkoll fir-rigward tal-interpretazzjoni zbaljata moghtija mill-Qorti tal-appell dwar l-*onus probandi*.

Illi jekk stess kellhom jigu skartati t-tliet bazijiet li fuqhom sa issa ntalbet ir-ritrattazzjoni l-esponent xorta wahda jhoss li hemm lok ghal ritrattazzjoni abbazi tal-**artikolu 811 (k)** li jipprovdi illi:

*(k) jekk, wara s-sentenza, ihun instab dokument deciziv, u li l-parti li ggibu ma kinitx taf bih,* ***<u>inkella, illi, bil-mezzi li taghti l-ligi, ma setghetx issibu, qabel dik is-seNtenza;</u>***

Illi l-esponent jikkonsidra li huwa ghandu dritt li jitlob ritrattazzjoni ghab-bazi ta' dan l-artikolu kemm fir-rigward tad-Dok "CG 1" li ghalih gia` saret referenza f'dan ir-rikors kif ukoll fir-rigward tar-ritratti u rapport peritali annessi bhala Dok "CG 3-7" ghaliex *stante* li kien biss wara s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell li gie lilu kkonfermat li l-garaxxijiet l-ohra tieghu (li issa m'ghadhomx mikrija lill- terzi) qeghdin fi stat perikoluz biex wiehed jiggaraxxja karozzi fihom), huwa biss f'dan l-istadju li huwa seta' jressaq dawn il-provi ulterjuri.

Ghaldaqsant, peress illi:-

a) L-esponent ghandu bzonn li jkollu post fejn ikunu jistghu jigu parkeggjati l-vettura tieghu kif ukoll il-vetutra ta' missieru ghaliex minkejja li l-esponent u l-familja tieghu ghandhom tliet karozzi, u l-garaxx li jmiss mal-fond tal-genituri tieghu jakkomoda wahda biss, u minkejja li ricentement il-garaxx numru 6 beda jintuza minnu tigi pparkeggjata wahda mill-vetturi msemmija ghad hemm bzonn garaxx iehor x tigi parkeggjata l-vettura l-ohra; u

b) Peress illi huwa biss il-garaxx numru 1 mikri lir-ritrattat li jista' jintuza mill-esponent ritrattant ghal dan l-iskop ladarba l-garaxxijiet l-ohra u cioe numri 3 u 4 huma mikrija lil Chantilly Apart Hotel u l-garaxxijiet 2 u 5 ma jistghux jintuzaw *stante* qaghda prekarja taghhom, hekk kif jirrizulta mill-provi godda li qed jitressqu f'dan l-istadju huwa ghandu bzonn

L-esponent m'ghandux ghazla ohra hlief li jitlob ir-ripriza tal-garaxx mikri lir-ritrattat biex ikun jista' jiggaraxxja l-vettura tieghu.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija u kif ser jirrizulta aktar fid-dettal matul il-mori ta' din il-kawza ghal ritrattazzjoni, l-esponent ritrattand qed jitlob ir-ritrattazzjoni mill-gdid tal-kawza u dan *ai termini* tal-**artikoli 811 (e)** u/jew **(g)** u/jew **(k)** u/jew **(l) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Rat l-inkartament ta' dan il-kaz gie mdahhal fl-atti ta' din il-kawza llum 24 ta' Mejju 2010.

Rat ir-risposta ta' James McClean, karta ta' identita` numru 184097 datat 2 ta' Gunju 2010 a fol 223 tal-process fejn eccepiet li:-

1. Illi f'rikors numru 25/2005, fl-ismijiet **Carmelo Grima vs James McClean** deciza fit-23 ta' April 2010, il-Qorti tal-Appell (Sede Ihferjuri) ddecidiet l-imsemmija kawza billi laqghet l-appell tal-esponenti u ghalhekk cahdet it-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors tieghu quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera.

2. Illi issa r-ritrattand Carmelo Grima qieghed jipprova jitlob ritrattazzjoni abbazi tal-**artikoli 811(e), (g), (k),** u **(l) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili**, ossia illi:-

*"(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin;*

*ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta*

*l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx* skont *il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni;*

*(g) jekk bis-sentenza jkun gie moghti izjed minn dak li ntalab;*

*(k) jekk, wara s-sentenza, ikun instab dokument deciziv, u li l-parti li ggibu ma kinitx taf bih, inkella, illi, bil-mezzi li taghti l-ligi, ma setghetx iggibu, qabel dik is-sentenza;*

*(l) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza."*

Qabel ma jirrispondi ghar-rikors ta' ritrattazzjoni *per se,* l-esponenti jixtieq jissottometti s-segwenti punti preliminari.

3. L-ewwelnett qieghed jigi eccepit li dan ir-rikors ghar-ritrattazzjoni huwa null *ab initio stante* illi r-rittrattand ma tax il-garanzija ghall-ispejjez skont l-**artikolu 249**. *Ai termini* tal-**artikolu 815, tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili**, r-ritrattand kellu flimkien ma' dan ir-rikors ta' ritrattazzjoni jaghti din il-garanzija ghall-ispejjez. Dan huwa ma ghamlux u ghaldaqstant dan ir-rikors m'ghandux jigi kkonsiderat bhala validu.

4. It-tieni nett qeghda wkoll tigi eccepita n-nullita` ta' dan ir-rikors a bazi tal-fatt li fir-rikors tieghu, r-ritrattand ma talabx ir-revoka tas-sentenza li taghha qeghda tintalab ir-ritrattazzjoni. *Ai termini* tal-**artikolu 811 tal-Kap. 12**, kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista' fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, **wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza.** Din it-talba ma saritx u ghalhekk dan ir-rikors ghandu jigi ddikjarat bhala null.

In sostenn ta' dan qieghda ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Gaetano Fenech vs Maria Pisani** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Dicembru 2002, fejn il-Qorti qalet,

Illi *"indipendentement mill-fatti partikolari tal-kaz in ezami, pero` din il-Qorti necessarjament kellha tiehu kont ta' aspett ta' natura legali li, minkejja l-importanza tieghu, donnu sfugga lill-partijiet kontendenti. Il-Qorti osservat li minkejja li r-ritrattanda Pisani tirreferi ghall-**artikolu 811 (k) tal-Kap 12**, ma hemm u ma saret ebda talba ghar-revoka tas-sentenza li taghha qieghda tintalab li ssir trattazzjoni mill-gdid. Issa, l-**artikolu 811 tal-Kap 12** jistipula kjarament li kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista' fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza. Una volta ghalhekk li din it-talba ghal fini tar-revoka tas-sentenza surreferita baqghet ma ntalbitx, it-talba ghal fini ta' ritrattazzjoni maghmulha mill-konvenuta ma tistax tigi akkolta, imqar jekk xi wahda mir-ragunijiet li jinsabu elenkati fl-istess **artikolu 811** ghal fini ta' ritrattazzjoni tkun tissussisti.*

"*Jidher car mill-kliem tal-**artikolu 811** fuq citat li l-gudizzju tar-ritrattazzjoni ghandu zewg ghanijiet, jigifieri dak li tigi mhassra sentenza li tkun saret gudikat bejn il-partijiet u dak li terga' tinfetah it-trattazzjoni tal-kawza biex tigi ottenuta sentenza. Isegwi ghalhekk li l-gudizzju ta' ritrattazzjoni huwa kompost minn zewg stadji, wiehed differenti mill-iehor, maghrufin fid-dottrina legali bhala "in rescindente" u "in rescissorio" (ara wkoll Koll. Vol. LXIXII-pp219). Il-ligi taghna tal-procedura ghalhekk trid u tesigi li qabel xejn ghandha tigi mhassra jew revokata s-sentenza impunjata billi minghajr dan it-thassir mhux possibbli li l-kawza tigi trattata mill-gdid. Huwa biss wara li jkun sar dan li tista' ssir it-trattazzjoni mill-gdid tal-kawza billi sakemm dak it-thassir ma jkunx sar, dik is-sentenza tkun u tibqa' ta' ostakolu ghar-riezami tal-kawza (ara wkoll sentenza fl-ismijiet "**Neg. Paolo Borg vs Neg. Francis Grech et"** tas-27 ta' Gunju 1949, Qorti tal-Appell, Koll. Vol. XXXIII-I-754),"*

5. Minghajr pregudizzju ghal din l-eccezzjoni preliminari, l-esponenti jirreferi ghal pagni tnejn (2) u tlieta (3) tar-rikors ghar-ritrattazzjoni fejn ir-ritrattand qisu jinsa li dan huwa rikors ghal ritrattazzjoni u jghid li "*illi l-esponent ihossu aggravat minn dawn il-konsiderazzjonijiet*"...u aktar

*il' quddiem li "l-Onorabbili Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha ..."* Dan mhuwiex rikors tal-appell izda huwa rikors ghal ritrattazzjoni u ghalhekk kellhu *ai termini* tal-**artikolu 816 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili**, jsemmi l-kapi tas-sentenza li jrid jattakka, r-ragunijiet ghar-ritrattazjoni **ai termini tal-artikolu 811**, u fl-ahhar kellhu jsemmi fil-qosor u b'mod car, il-fatti li minnhom tirrizulta kull wahda minn dawn ir-ragunijiet. Izda dan mhuwiex il-mod kif gie pprezentat dan ir-rikors ghar-ritrattazzjoni u anke a bazi ta' dan, il-esponenti jsostni li dan ir-rikors huwa null u ghandu jigi michud.

6. Minghajr pregudizzju ghal dawn l-eccezzjonijiet preliminari, l-esponenti se jaghmel l-konsiderazzjonijiet tieghu ghaliex dan ir-rikors ghar-ritrattazzjoni ghandu jigi michud.

7. L-ewwel bazi li qed tigi sottomessa hija dik *ai termini* tal-**artikolu 811 (e),** jigifieri jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin. Ir-ritrattand jissottometti li l-Qorti tal-Appell interpretat hazin l-**artikolu 9 tal-Kapitolu 69** ghaliex dan l-artikolu qatt ma jsemmi li ghandu jigi ppruvat li r-rikorrent m'ghandux alternattiva ohra hlief dik li jirriprendi l-garaxx mitlub.

It-talba tar-ritrattand quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera kienet sabiex jirriprendi l-*garage* tal-esponenti u dan *ai termini* tal-**artikolu 9 (b) tal-Kapitolu 69**, jigifieri meta sid il-kera ghandu bzonn tal-fond ghalih innifsu jew ghal axxendenti jew dixxendenti tieghu. Ir-ritrattand ghandu ragun meta jghid li dan l-artikolu qatt ma jsemmi li ghandu jigi ppruvat mir-rikorrenti li m'ghandux alternattiva ohra hlief li jiehu lura dak il-fond - u fil-fatt l-Qorti tal-Appell Inferjuri ma qalitx dan. Dak li qalet il-Qorti tal-Appell huwa li l-oneru tal-prova tal-bzonn kienet fuq r-rikorrent u li huwa ma rnexxielux jaghmel din il-prova sabiex tigi milqugha t-talba tieghu,

*"Wiehed imbaghad, ma jridx dejjem jinsa illi l-principju jibqa' dak generali, u, cioe, li l-oneru tal-prova tal-bzonn*

*kien jaggrava fuq il-parti li tallega l-fatti migjuba biex issostni d-domanda taghha."*

Il-Qorti tal-Appell applikat il-ligi tajjeb ghaliex evalwat jekk ir-rikorrent kienx irnexxielu jipprova li verament kellu bzonn ta' dak il-*garage*. Hija ma nterpretatx il-ligi kif qed jipprova jghid issa r-ritrattand - m'hemm l-ebda konsiderazzjoni fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell li tirrifletti dak li qed jinsinwa issa r-ritrattand jigifieri li qalet li rrid jipprova li ma kellux alternattiva ohra hlief li jirriprendi l-*garage*. Dan qieghed jghidu biss r-ritrattand issa.

8. Minbarra dan kollu li ntqal hawn fuq rigward l-**artikolu 811 (e),** jigi sottomess ukoll li marbut ma' din ir-raguni hemm l-**artikolu 816 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili** li jghid

" ... *u meta r-raguni hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi, l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata."*

Ir-ritrattand ma ghamel xejn minn dan kollu, ma semmiex liema ligi jew liema artikolu tal-ligi kellu jigi applikat izda qal biss li l-**artikolu 9 tal-Kap. 69** gie interpretat hazin. Il-qrati taghna fil-gurisprudenza numeruza ghal dak li jirrigwarda l-**artikolu 811 (e)** dejjem sostnew illi dak li ghandu jigi ppruvat huwa li l-Qorti, fis-sentenza attakkata, applikat il-ligi l-hazina ghall-kaz, u mhux li applikat il-ligi t-tajba b'mod hazin. F'dan ir-rigward qieghda ssir referenza ghal kawza fl-ismijiet **Anna Degabriele et vs Victor Borg** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu 2010, fejn qalet: *"Fir-rigward tal-**artikolu 811 (e)** hu risaput li: "... biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu vvalutati jew interpretati b'mod iehor, ghajr kif gew ivvalutati u nterpretati fis-sentenza attakkata. Ikun hemm lok ghar-rittrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw ippruvati, ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi flok dispozizzjoni ohra li kellha proprjament tigi applikata. Jekk jirrizulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-ligi korretta ghall-fatti tal-kaz, xorta wahda ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni fuq il-motiv tas-subinciz (e) nonostante li l-interpretazzjoni*

*moghtija mill-Qorti lil dik il-ligi tkun skorretta. Biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-ligi l-hazina ghall-kaz, u mhux li applikat il-ligi t-tajba b'mod hazin"*

9. Ghalhekk huwa r-ritrattand stess li jghid li l-Qorti tal-Appell applikat l-artikolu t-tajjeb izda interpretatu hazin u mhux li applikat il-ligi l-hazina - u ghal din il-premessa biss, ir-ritrattazzjoni a bazi tal-**artikolu 811(e)** ghandha tigi michuda.

10. It-tieni raguni li fuqha qieghda tipprova ssir din ir-ritrattazzjoni huwa l-**artikolu 811 (g),** jigifieri meta bis-sentenza gie moghti izjed minn dak li ntalab. Il-bazi ta' din it-talba hija minhabba xi konsiderazzjoni li l-Qorti tal-Appell ghamlet dwar xi "bricks" u l-konkluzzjoni li waslet ghaliha minhabba dan. Ikompli li l-Qorti marret *oltre* dak mitlub minnha billi kkonsiderat element li l-anqas l-appellant innifsu ma kien irrefera ghalih.

Din hija bazi ta' ritrattazzjoni li tintuza meta l-Qorti fis-sentenza taghha tkun iddecidiet b'mod "ultra petita". Minbarra dan hija wkoll raguni li normalment tintuza bhala bazi mill-konvenut u mhux mill-attur kif qieghed jigri hawn. Fil-kaz in dezamina l-Qorti tal-Appell semplicement cahdet it-talbiet attrici.

11. L-**artikolu 811 (g)** jikkonsidra li bis-sentenza gie moghti aktar minn dak li ntalab. Hawn intalab l-izgumbrament minhabba bzonn u dan ma nghatax - semplici u car. L-Qorti tal-Appell ma tatx iktar minn dak li gie mitlub - semplicement cahdet it-talba.

12. It-tielet raguni li ghaliha qieghda tintalab ir-ritrattazzjoni huwa *ai termini* tal-**artikolu 811 (k)** jigifieri jekk wara s-sentenza jkun instab dokument deciziv li ma kienx jaf bih qabel l-ewwel sentenza jew liema dokument ma setax igibu.

Id-dokumenti li r-ritrattand qiehed issa jipprova jghid li ma kellux qabel huma ritratti tal-garaxijiet in kwistjoni u rapport peritali. B'liema grad ta' immaginazzjoni r-

ritrattand jispera li din il-Qorti se temmnu. Huwa certament seta’ jipprezenta kemm ir-ritratti u kemm ir-rapport meta l-kawza kienet ghadha ghaddejja quddiem il-Bord tal-Kera - anzi huwa kellu d-dmir li jaghmel dan sabiex jipprova t-talba tieghu. Izda le - qieghed jipprezenthom issa wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell li cahdet it-talba tieghu. Izda ‘l iktar haga konfortanti hija li dawn ir-ritratti juru u jippruvaw proprju dak li ilu jghid l-esponenti - li r-ritrattand ghandu garaxijiet ohra li huma vakanti. Fil-fatt huwa jghid,

*“Illi l-esponenti jikkonsidra li huwa ghandu dritt li jitlob ritrattazzjoni a bazi ta’ dan l-artikolu kemm fir-rigward tad-Dokument “CG 1” li ghalih gia` saret referenza f’dan ir-rikors kif ukoll fir-rigward tar-ritratti u rapport peritali annessi bhala Dok. “CG 3-7” ghaliex stante* ***li kien biss wara s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell li gie lilu kkonfermat li l-garaxxijiet l-ohra tieghu (li issa m’ghadhomx mikrija lil terzi) qeghdin fi stat perikoluz biex wiehed jiggaraxxja karrozzi fihom ...”***

Ghalhekk gie kkonfermat li r-ritrattand bhala sid il-kera ghandu garaxxijiet ohra li issa huwa ppruvat minghajr ebda dubju li huma vojta - u dan b’ammissjoni tieghu stess. Il-fatt li dawn huma fi stat perikoluz ma’ ghandu x’jaqsam xejn ma’ din il-kawza - hu s-sid ta’ dawn il-fondi u ghalhekk *sta a lui* li jirranghom. X’ghandu x’jaqsam mal-esponenti li l-fondi vojta huma fi stat hazin.

Ghaldaqstant anke din il-bazi ghar-ritrattazzjoni ghandha tigi michuda.

13. L-ahhar bazi li fuqha r-ritrattand qieghed jipprova jitlob ir-ritrattazzjoni huwa l-**artikolu 811 (l),** jigifieri meta s-sentenza tkun effett ta’ zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza. Huwa jkompli illi l-Qorti tal-Appell kienet zbaljata meta kkonkludiet li l-garaxxijiet kienu vakanti ghaliex kien hemm *bricks* quddiemhom ghaliex dawn il-*bricks* kienu gew imnizzla quddiem il-garaxxijiet dakinhar li kien ittiehed ir-ritratt mill-appellant u gew imnehhija fl-istess jum meta rega’ nbena hajt ta’ terzi li ghalih kien ingab l-istess materjal.

Minbarra l-fatt li l-Qorti tal-Appell ma waslitx ghal konkluzzjoni li l-garaxxijiet kienu vakanti minhabba dawn il-*bricks* izda cahdet it-talba tar-ritrattand ghaliex ma ppruvax bizzejjed it-talba tieghu. Dan il-fatt li dawn il-*bricks* tpoggew hemm dik il-gurnata biss qed issa biss f'dan l-istat ta' ritrattazzjoni. Ir-ritrattand ma saqsiex il-fatt lil esponenti in kontro-ezami. Ir-ritrattand ma ghamilx din l-prova quddiem il-Bord. Ir-ritrattand lanqas ma sema' dan il-fatt quddiem il-Qorti tal-Appell. Ghalhekk kif jista' issa jippretendi li **dan** l-argument jidhol hawn f'dan l-istadju ta' ritrattazzjoni.

Fl-ahhar mill-ahhar jinghad illi sabiex jirnexxi r-raguni a bazi tal-**artikolu 811 (l),** l-izball li huwa mehtieg ghandu jkun f'dawn il-kriterji, u dan a bazi ta' numru ta' sentenzi izda hawn specifikatament fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Farrugia vs Benny Schembri** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Ottobru 1996,

*i. L-izball [...] ikun zball materjali ta' fatt u mhux zball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni;*

*ii. L-izball irid jirrizulta mill-atti u dokumenti tal-kawza u ghalhekk hija inassolutament inammissibbli l-produzzjoni ta' atti u dokumenti godda biex tigi fornita l-prova tal-izball [...];*

*iii. Illi l-istess zball ikun manifest, tali cioe` li jemergi mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti u dokumenti tal-kawza, b'mod li jkun jidher prodott esklussivament minn semplici inavvertenza tal-gudikant [...]"*

F'kaz in dezamina certament ma kienx hemm dan it-tip ta' zball. Id-dikjarazzjonijiet u konsiderazzjonijiet li hemm fis-sentenza huma konfortati mill-atti u dokumenti li gew pprezentati fil-mori tal-kawza.

14. Illi *stante* l-fatt li dan ir-rikors huwa frivolu u vessatorju da' parti tar-rikorrent, l-esponenti jitlob lil din il-Qorti sabiex jigu applikati s-sanzjonijiet li hemm *ai termini* **artikolu 10**, Tariffa 'A', Skeda 'A' tal-Kodici ta'

Organizazzjoni u Procedura Civili, u ghalhekk tapplika l-ispejjez addizjonali.

Illi ghaldaqstant minhabba dawn ir-ragunijiet kollha, il-bazi ghal ritrattazzjoni skont il-**artikolu 811 (e), (g), (k) u (l)** ma jissussistux.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Gunju 2010 mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Philip Sciberras. Peress illi din il-Qorti diga` ppronuncjat ruhha fuq il-mertu ta' dan l-kaz. Il-Qorti rat artikolu 734 (d) tal-Kap 12, astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' dan l-appell u tirrimanda l-atti lura lir-Registratur biex dan jassenjah lill-iMhallef iehor. Il-Qorti ordnat l-kancellament ta' dan l-appell minn fuq il-lista tal-appell taghha.

Rat is-surroga datata 15 ta' Gunju 2010 (fol 234) u rriappuntat ta' din it-talba ghar-ritrattazzjoni ghas-smigh ghad-9 ta' Novembru 2010.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Novembru 2010 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Anna Mifsud Bonnici ghar-ritrattat McClean u Dr. Jonathan Spiteri ghar-ritrattand. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Jannar 2011.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza ta' ritrattazzjoni a bazi ta` liema r-ritrattand Carmelo Grima qieghed jipprova jitlob

ritrattazzjoni abbazi tal-**artikoli 811 (e), (g), (k)** u **(l) tal-Kap. 12** li jipprovdi li fuq talba ta' wahda mill-partijiet kawza deciza tista' tigi ritrattata jekk, wara li qabel xejn tigi mhassra dik s-sentenza, jkunu jikkonkorru ghal dan il-kaz ir-ragunijiet segwenti:-

*"(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin;*

*ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni;*

*(g) jekk bis-sentenza jkun gie moghti izjed minn dak li ntalab;*

*(k) jekk, wara s-sentenza, ikun instab dokument deciziv, u li l-parti li ggibu ma kinitx taf bih, inkella, illi, bil-mezzi li taghti l-ligi, ma setghetx iggibu, qabel dik is-sentenza;*

*(l) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza."*

Illi dwar dan, ir-ritrattat irreagixxa billi sostna li preliminarjament ir-rikors tar-ritrattand huwa null ghaliex it-talba ta' ritrattazzjoni ma hijiex preceduta b'talba ghar-revoka tas-sentenza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni. Din il-Qorti thoss li l-**artikolu 811** jaghmilha cara li t-talba ghar-ritrattazzjoni ma tistax tigi milqugha jekk ma jkunx hemm qabel talba ghar-revoka tal-istess sentenza u dan jirrizulta mill-kliem espress tal-istess artikolu, u dan ukoll kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **"Gaetano Fenech vs Maria Pisani"** (A.C. – 11 ta' Dicembru 2002) liema sentenza giet citata *in extenso* mir-risposta tar-ritrattat u ghalhekk din il-Qorti taghmel riferenza ghall-istess kwotazzjoni u tadottaha. B'hekk in vista ta' dan tiddikjara r-rikors tar-rittrattand bhala null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi preliminarjament inghad ukoll li ladarba ma gietxipprezentata garanzija ghall-ispejjez kif provdut fl-**artikolu 249 tal-Kap. 12** mar-rikors ta’ ritrattazzjoni skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 815,** l-istess talba hija nulla u bla effett u din il-Qorti thoss li dan il-mankanza procedurali hija wkoll fatali ghar-ritrattand ghaliex l-istess **artikolu 815** jipprovdi li din il-garanzija *“ghandha”* tinghata mal-prezentata tar-rikors, u dan huwa rekwizit mandatarju u fin-nuqqas ta’ osservanza tal-istess dan iwassal ghan-nullita’ tal-istess rikors **(“Antoinette Vella vs CareMalta Limited”** – A.I.C. (RCP) – 27 ta’ Jannar 2011). Ghalhekk anke fuq din il-bazi l-istess rikors huwa null u bla effett.

Illi ghall-grazzja tal-argument jinghad ukoll li anke jekk dan mhux il-kaz, fil-mertu ma hemmx bazi ta’ ritrattazzjoni fuq l-ebda wahda mid-disposizzjonijiet indikati mir-ritrattand skont l-**artikolu 811 tal-Kap. 12.**

Illi dwar il-lamentela mressqa a bazi tal-**artikolu 811 (g) tal-Kap. 12** ma jirrizultax li huwa l-kaz li fis-sentenza mertu ta’ dawn il-proceduri gie moghti izjed minn dak li ntalab u dan ghaliex t-talba kienet wahda ta’ zgumbrament minn garaxx, liema talba giet michuda. Il-konsiderazzjonijiet li saru mill-Qorti tal-Appell, u li semma r-ritrattand fir-rikors tieghu  kienu biss apprezzament u evalwazzjoni ta’ provi u ma ghandhom x’jaqsmu xejn mal-kuncett ta’ *“ultra petita”* kkonsidrat f’dan is-subartikolu. Ghalhekk it-talba ta’ ritrattazzjoni skont l-**artikolu 811 (g) tal-Kap. 12** qed tigi michuda.

Illi dwar it-talba ta’ ritrattazzjoni skont l-**artikolu 811 (k)** jidher li r-ritrattand qed jirreferi ghar-ritrattati li ha tal-garaxxijiet in kwistjoni u r-rapport peritali, liema dokumenti setghu ingabu fl-istadju tal-provi tal-kawza u ma hemm l-ebda raguni ghaliex kellhom jigu prodotti proprju f’dan l-istadju, iktar u iktar meta l-procedura ta’ ritrattazzjoni hija procedura ta’ natura eccezzjonali u ghandu jkollha interpretazzjoni u applikazzjoni stretta (**“Av. Dott. P.M. Valletta LL.D. noe vs J. Tanti”** - A.K. 20 ta’ Mejju 1994 - LXXVIII. ii. 84) **“Joseph Zammit vs Carmelo Dingli et”** (P.A. (RCP) – 24 ta’ Jannar 2001); **“Mildred Frendo vs Loris Bianchi proprio et nomine”** (A.C. – 12 ta’ Mejju

2003). Ghalhekk din il-bazi ta' ritrattazzjoni qed tigi wkoll michuda.

Illi t-talba ta' ritrattazzjoni skont l-**artikolu 811 (l)** jirrizulta li dak li qed jigi vantat mir-ritrattand huwa biss li huwa ma jaqbilx mal-apprezzament li l-Qorti ghamlet tal-provi li kellha quddiemha li bl-ebda mod ma jista' jinghad huwa zball li jidher mill-atti u dokumenti tal-kawza.

Illi hawn issir referenza ghas-sentenzi **"John Zammit et vs Michael Tabone et proprio et nomine"** (A.C. – 22 ta' Jannar 2001) u **"Josephine Azzopardi vs Rose Cilia"** (A.I.C. (RCP) – 29 ta' Jannar 2009 fejn inghad li sabiex jigu sodisfatti l-elementi ta' dan l-artikolu irid ikun hemm:-

(a) l-izball irid ikun wiehed ta' fatt u mhux zball ta' interpretazzjoni **(Vol.XXV.i.140).**

(b) l-izball irid wiehed materjali li jirrizulta mill-atti u dokumenti tal-kawza, b'mod li s-sentenza tkun kontrastanti ma' dak l-att u dokumenti u mhux relatat mal-interpretazzjoni ta' dak li huma l-fatti kif apprezzati mill-gudikant u dan peress li l-apprezzament u l-interpretazzjoni ta' fatt jikkostitwixxu l-konvinciment insindakabbli tal-gudikant. *"L' errore di fatto deve inoltre trovarsi in rapporto di casulalita' colla decisione, ed e' necessario che il fatto non abbia formato un punto controverso e deciso colla sentenza impugnata"* **((Vol. XLI.i.47).**

(c) Jekk l-izball akkampat bhala motiv ta' ritrattazzjoni kien punt ta' kontestazzjoni li gie maqtugh bid-decizjoni mpunjata, mhix ammessa r-ritrattazzjoni fuq il-motiv ta' dak l-izball, u l-apprezzament u interpretazzjoni tal-fatti ma humiex sindakabbli, u ma jaghtux lok ghar-rimedju legali tar-rittrattazzjoni **(Vol. XLI.i.47).**

(d) Il-fatt li r-ritrattandi ma jaqblux ma' l-apprezzament u ma' l-interpretazzjoni li tinsab fis-sentenza appellata ma jwasslux sabiex tali sentenza tigi annullata abbazi tal-**artikolu 811 (l)** u dan ghaliex l-apprezzament u l-interpretazzjoni tal-fatti ma humiex sindikabbli u ma

jaghtux lok ghar-rimedju legali tar-ritrattazzjoni (**“Isidoro Agius vs Giuseppi Bugeja et”** A.C. – 13 ta’ Gunju 1995; **“G. Vella Zarb vs A. Bartolo”** A.C. – 3 ta’ Frar 1930; **“Mary Rota et vs Mary Camilleri”** P.A. (GV) – 30 ta’ Marzu 2001.

(e) L-izball irid jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza u jridu jigu sodisfatti l-elementi tat-tieni paragrafu tal-istess disposizzjoni legali – b’dan li l-izball irid ikun wiehed materjali u tali li minhabba mera inavvertenza ikun wassal lill-gudikant jissoponi inesistenti fatt pozittivament stabbilit. Il-ligi tirrikjedi li zball jirrizulta minn atti jew minn dokumenti tal-kawza, u b’hekk li l-gudikant b’nuqqas ta’ avvertenza ma jkunx ikkonsultahom.

Illi mill-ilmenti kif esposti f’dan il-kaz mir-rikorrenti ma hemm xejn minn dan u kull ma qed tigi attakkata hija fil-verita’ l-interpretazzjoni ghall-fatti tal-kaz u fl-ahhar mill-ahhar ghall-mod kif l-istess Qorti waslet ghall-motivazzjoni taghha, u ma hemm fl-istess ilment ebda indikazzjoni kwalunkwe dokument jew xi att processwali li gie b’xi mod skartat jew injorat mill-istess Qorti; anzi jirrizulta li l-istess Qorti hadet konjizzjoni tal-atti kollha quddiemha u interpretatat kif kellha dritt li taghmel il-fatti li hargu mill-kaz u abbazi tal-fatti waslet ghall-konkluzjonijiet taghha, ibbazata fuq principji legali stabbiliti. Allura *in vista* ta’ dan kollu dak li l-istess rikorrenti qed tittenta taghmel b’din il-procedura huwa li effettivament tappella mill-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti, apprezzament li huwa insindakabbli f’dan l-istadju, u certament ma jammontax bhala bazi ta’ ritrattazzjoni skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 811 (l) tal-Kap. 12 (“Charles Farrugia vs Benny Schembri”** – A.C. – 7 ta’ Ottubru 1996).

Illi kif inghad fis-sentenza **“Mary Rota et vs Mary Camilleri” (**P.A. (GV) – 30 ta’ Marzu 2001) *“din il-Qorti ma tidholx fl-apprezzament interpretazzjoni u konkluzjonijiet taghha fuq il-fatti ghax dawn jikkostitwixxu konvinciment insindakabbli ta’ dik il-Qorti”.* Ghalhekk anke din il-bazi ta’ ritrattazzjoni qed tigi michuda.

Illi l-ahhar bazi ta’ ritrattazzjoni hija dik a bazi tal-**artikolu 811 (e) tal-Kap. 12** li tirreferi ghal meta s-sentenza tkun applikat il-ligi hazin. Din il-bazi hija wkoll infondata fl-ewwel lok peress li skont id-disposizzjonijiet espressi tal-istess subartikolu meta r-raguni hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi, r-ritrattand ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata **(“Mary Zammit vs Rosemary Gonzi et” -** A.C – 28 ta’ Novembru 2008) haga li certament ma saritx fir-rikors promotorju tal-procedura odjerna.

Illi fit-tieni lok jidher li dak li verament ir-ritrattand qed jilmenta dwaru huwa li l-Qorti tat interpretazzjoni skont huwa hazina tal-ligi u precizament tal-**artikolu 9 tal-Kap. 69**, u mhux li l-Qorti applikat ligi flok ohra; fil-verita’ l-interpretazzjoni li tat l-istess Qorti dwar l-**artikolu 9 (b) tal-Kap. 69** huwa fi kwalunkwe kaz wiehed korrett peress li huwa r-rikorrenti li ghandu l-oneru li jipprova dak vantat minnu li huwa ghandu bzonn il-garaxx lokat u dan ezatt kif l-istess decizjoni hawn impunjata qalet. B’hekk dan il-motiv ghat-talba ta’ ritrattazzjoni huwa wkoll infondat legalment u ghalhekk qed jigi wkoll michud.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ r-risposta ta’ James McClean datata 2 ta’ Gunju 2010 in kwantu l-istess hija konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad it-talbiet tar-ritrattandi fir-rikors tieghu datat 18 ta’ Mejju 2010** ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz.

Bl-ispejjez kontra l-istess ritrattandi Carmelo Grima.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------